MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 115/2007

**Il-Pulizija**

**v**

**J.R.**

## Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra J.R. talli fil-25 ta’ Settembru 2006 ghall-habta tat-3.00 pm u fix-xahrejn ta’ qabel f’diversi okkazzjonijiet fir-Rabat Ghawdex, bhala l-persuna li ghanhda l-kustodja ta’ uliedha minuri, naqset li taghti access ta’ dawn iz-zewg ulied lil zewgha Dr. M.R. skond kif kienet ordnata li taghmel b’digriet nru 27/2006 moghti mill-qorti kompetenti fit-28 ta’ Lulju 2006;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-25 ta’ Jannar 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija J.R. hatja skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha izda limitatament ghall-periodu mit-23 ta’

Awissu 2006 sal-25 ta' Settembru 2006, u kkundannatha tlett gimghat prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija J.R., minnha pprezentat fis-7 ta' Frar 2007, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-roforma taghha kwantu ghall-piena inflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; rat id-digriet taghha tad-19 ta' Lulju 2007 li permezz tieghu gie nominat Dott. Joseph Vella Baldacchino bhala perit psikjatra; semghet lill-imsemmi psikjatra jixhed u jahlef ir-relazzjoni tieghu maghmula bil-miktub fl-udjenza tal-10 ta' Settembru 2007; rat il-verbal registrat fl-imsemmija udjenza tal-10 ta' Settembru 2007 li permezz tieghu il-prosekuzzjoni u d-difiza qablu lis-sentenza tinghata f'udjenza mizmuma Malta flok Ghawdex;

Ikkunsidrat:

Illi kemm mir-rapport peritali kif ukoll mid-deposizzjoni tal-imsemmi perit psikjatra jirrizulta car li fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni l-appellanti kienet, minhabba mard mentali klinikament riskontrabbli, priva mill-kapacita` tal-ghazla, b'mod ghalhekk li legalment kienet fi stat ta' genn fis-sens tal-Artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali.

Konsegewntement din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost billi, filwaqt li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja sond l-imputazzjoni dedotta kontra taghha minhabba stat ta' genn fiz-zmien tar-reat u, wara li rat l-Artkoli 525(3) u 623(1) tal-Kodici Kriminali, tordna li l-imsemmija J.R. tinzamm taht kustodja fl-Isptar Monte Karmelu biex hemmhekk tibqa' taht kustodja u mizmuma skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar is-Sahha Mentali jew kull disposizzjoni ohra ta' ligi jew legislazzjoni applikabbli ghall-kaz. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih notifikata mir-Registratur tal-Qrati ta' Ghawdex lis-Supretendent ta' l-imsemmi sptar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------